MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-27 ta' April, 2004

Talba Numru. 1941/2003

**Maltacom p.l.c.**
**vs**

**Charles Dimech**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Settembru, 2003, fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u tnejn u hamsin lira Maltija u hamsa u tmenin centezmu (Lm652.85), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni ma' hsarat minnhom ikkagunati lill-proprjeta` tal-istess socjeta` attrici waqt xogholijiet fi triq B'Bugia, Ghaxaq, fl-1 ta' Awissu, 2002, skond invoice mibghut lilhom bin-numru 10776 kopja tieghu annessa u mmarkata Dok.A;**
**Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir il-kawza.**
**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fl-20 ta’ April, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa’ ma deherx.**

**Ghaldaqstant fil-kontumacja tal-konvenut, peress illi t-talba tirrizulta pruvata, it-Tribunal qed jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ sitt mija u tnejn u hamsin lira Maltija u hamsa u tmenin centezmu (Lm652.85) bl-imghax legali mis-6 ta’ April, 2004.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------